

Brussell, 25 ta' Mejju 2018
(OR. en)

9090/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0111 (COD)

TELECOM 145
PI 60
RECH 188
MI 363
COMPET 323
DATAPROTECT 98
CYBER 108
CODEC 800

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	8531/18 TELECOM 113 PI 48 RECH 156 MI 310 COMPET 266 DATAPROTECT 78 CYBER 80 IA 114 CODEC 674 + ADD 1 - ADD 4
Suġġett:	Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu mill- ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (riformulazzjoni) - Dibattitu ta' orjentazzjoni

Id-data bħala faċilitatur tal-iżvilupp soċjoekonomiku

L-ekonomija xprunata mid-data hija mutur ewlieni tat-tkabbir u l-impjiegi li tista' tagħti spinta b'mod sinifikanti lill-kompetittività Ewropea fis-suq globali. Jekk jiġu implimentati l-kondizzjonijiet kwadru t-tajba, l-ekonomija Ewropea xprunata mid-data tista' tirdoppja sal-2020, minn madwar 2 % tal-PDG tal-UE fl-2016 għal 4 % fl-2020.

Is-settur pubbliku fl-Istati Membri tal-UE huwa produttur sinifikanti ta' ammonti kbar ta' data, pereżempju mapep diġitali, statistika, data minn reġistri kummerċjali, data legali, data meteoroloġika, data satellitari u data dwar it-traffiku miġbura minn sensuri. Din l-informazzjoni hi riżorsa prezzjuża għas-soċjetà u l-ekonomija. Tintuża mhux biss bħala materja prima prezzjuża għall-produzzjoni ta' applikazzjonijiet u servizzi bbażati fuq id-data, iżda ttejjeb ukoll it-trasparenza tal-gvernijiet u għib effiċjenza akbar fit-twassil ta' servizzi pubbliċi u privati.

Id-data tas-settur pubbliku hija rikonoxxuta wkoll bħala li qed issir assi aktar u aktar kritiku u indispensabbli għall-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda bħall-Intelliġenza Artifiċjali (AI). Mingħajr provvista regolari ta' data ta' kwalità ikun impossibbli li jiġu żviluppati soluzzjonijiet sofistikati tal-IA, li huma ta' benefiċċji potenzjali sinifikanti kemm għas-settur privat kif ukoll għal dak pubbliku. It-teknoloġiji tal-IA mmexxija mid-data jistgħu jappoġġjaw il-produttività u l-kompetittività f'firxa wiesgħa ta' setturi, filwaqt li jgħinu biex jiġu indirizzati għadd ta' sfidi soċjetali u ambjentali fl-istess ħin.

L-inizjattivi ta' April 2018 b'rabta mad-data

Bil-ħsieb li tagħti spinta lit-tkabbir tal-ekonomija xprunata mid-data fis-Suq Uniku Diġitali, f'April ta' din is-sena l-Kummissjoni pproponiet diversi inizjattivi relatati mad-data li għandhom l-għan li jgħolqu suq diġitali mingħajr xkiel, spazju tad-data komuni Ewropew, bl-iskala li tippermetti aktar żvilupp ta' prodotti u servizzi ġodda bbażati fuq id-data fl-UE kollha. L-inizjattivi għandhom l-għan li jikkontribwixxu għal dan l-oġettiv billi jisfruttaw il-potenzjal li tipi differenti ta' data jintużaw mill-ġdid: data tas-settur pubbliku, data mir-riċerka u ċerta data mis-settur privat.

B'mod aktar speċifiku, dawn l-inizjattivi relatati mad-data jikkonsistu fi proposta għal Direttiva riveduta dwar l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (Direttiva ISP), Rakkomandazzjoni aġġornata dwar l-aċċess għal u l-preservazzjoni ta' informazzjoni xjentifika, u gwida dwar il-kondiviżjoni tad-data tas-settur privat. Il-miżuri proposti għandhom l-għan li jiżguraw li tkun disponibbli aktar data għall-użu mill-ġdid b'mod aktar faċli u possibbilment awtomatizzat. Billi jgħolqu opportunitajiet biex dawn it-tipi differenti ta' data jiġu kombinati u użati mill-ġdid f'modi innovattivi, huma għandhom l-għan li jkunu ta' benefiċċju għall-ekonomija u s-soċjetà, u fl-aħħar mill-aħħar, biex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' teknoloġiji bbażati fuq id-data bħall-IA.

Ir-rwol tad-Direttiva ISP

Mill-adozzjoni tagħha fl-2003, id-Direttiva ISP uriet li hija strument effettiv li jstimula b'suċċess lis-suq tal-kontenut diġitali għal prodotti u servizzi transkonfinali bbażati fuq id-data, waqt li fl-istess ħin jipprevjeni distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq tal-UE.

Fl-2013 id-Direttiva ġiet emendata u mgħammra bi klawnsola ta' reviżjoni li talbet lill-Kummissjoni biex tissuġġerixxi bidliet ġodda possibbli sa nofs l-2018. L-evalwazzjoni reċenti tad-Direttiva żvelat li jeħtieġ li għadd ta' oqsma jiġu indirizzati sabiex il-qafas legali jiġi allinjat mal-bidliet teknoloġiċi u biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet li jżommu lill-SMEs milli jisfruttaw bis-sħiħ il-potenzjal tal-informazzjoni tas-settur pubbliku. Eżempji ta' dawn l-oqsma jinkludu l-għoti mhux adegwat ta' aċċess f'ħin reali għal data dinamika (eż. data li gejjja minn sensuri jew satelliti), li jeħtieġ li tkun disponibbli immedjatement permezz ta' Interfaċċi għall-Ipprogrammar tal-Applikazzjonijiet (APIs) sabiex iħallu l-akbar impatt. Barra minn hekk, ammonti vasti ta' data maħluqa bis-saħħa ta' fondi pubbliċi jew li jirriżultaw minn kompiti fl-interess pubbliku għadhom esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, bħad-data mir-riċerka jew data minn impriżi pubbliċi.

Barra minn hekk, diversi Stati Membri qed jimxu 'l quddiem b'leġislazzjoni proprja tagħhom dwar diversi aspetti tal-użu mill-ġdid tad-data, li potenzjalment jistgħu jagħmluha aktar diffiċli biex jiġi sfruttati l-opportunitajiet transkonfinali għall-użu mill-ġdid f'kuntest Ewropew usa'.

Fid-dawl ta' dan imsemmi hawn fuq, ir-reviżjoni proposta tad-Direttiva ISP għandha l-għan li tindirizza l-ostakli li fadal biex id-data tas-settur pubbliku tintuża mill-ġdid, filwaqt li tiżgura l-livell minimu ta' armonizzazzjoni tar-regoli dwar l-użu mill-ġdid fl-Istati Membri kollha.

Fid-dawl tal-eżamijiet li jmiss fil-Kunsill, b'mod partikolari matul it-tieni nofs tal-2018, il-Ministri huma mistiedna jaqsmu l-fehmiet tagħhom dwar l-użu mill-ġdid tad-data tas-settur pubbliku fil-kuntest tat-tkabbir esponenzjali tal-ekonomija xprunata mid-data fis-Suq Uniku Diġitali.

Mistoqsijiet għad-diskussjoni:

1. Taqbel li l-kompetittività tal-Ewropa teħtieġ id-disponibbiltà ta' data pubblika bħala riżorsa ewlenija għal innovazzjoni, prodotti ġodda u applikazzjonijiet b'Intelliġenza Artifiċjali?

2. Fid-dawl tal-potenzjal li għandha l-informazzjoni tas-settur pubbliku bħala sors ta' innovazzjoni u l-veloċità tal-bidla teknoloġika, taqbel li politika Ewropea tad-data miftuħa għandha timxi 'l quddiem, b'mod partikolari fir-rigward tal-korpi u l-oqsma li għandhom jiġu koperti, il-possibbiltà tal-użu mill-ġdid tad-data dinamika u d-disponibbiltà ta' settijiet ta' data ta' valur għoli biex jintużaw mill-ġdid?